MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004

Appell Civili Numru. 2386/1999/1

**Anthony Mario u Carmen konjugi Vella u Travellers Lodge Company Limited**

**v.**

**Francis Fenech, George Cassar, John Agius, Raymond Agius u FCJR Co. Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta’ Novembru, 1999 illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi l-konvenuti istitwew proceduri kontra s-socjetà Travellers Lodge Company Limited, fl-ismijiet *Francis Fenech, George Cassar, John Agius u Raymond Agius personalment, u FCJR Co. Limited vs Travellers Lodge Co. Ltd* Citazzjoni numru 2577/97 GV f’liema kawza huma esebew fotokopja ta’ dokument BLA DATA, li kopja legali tieghu kif prezentat awtentikata mir-Registratur tal-Qorti qieghda tigi esebita ma’ din ic-Citazzjoni bhala DOK AMV1; illi l-atturi saru jafu bl-allegata ezistenza ta’ dan id-dokument meta s-socjetà Travellers Lodge Company Limited giet notifikata bic-Citazzjoni msemmija f’Novembru 1997; illi dan id-dokument jipprova jikkrea obbligazzjoni assunta mis-socjetà Travellers Lodge Company Limited u allegatament garantita minn certu Mario Vella personalment; illi permezz ta’ digriet moghti fl-20 ta’ April 1998 gie kjamat fil-kawza fuq imsemmija ‘Mario Vella’; illi l-attur Anthony Mario Vella qatt ma ssottoskriva ghal tali ftehim, la *proprio* u lanqas *nomine*; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-iskrittura *de quo* hija vvizzjata b’qerq u frodi, u hija ghalhekk nulla a tenur ta’ l-artikolu 974 Kap. 16, Ligijiet ta’ Malta; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-iskrittura *de quo* hija wkoll vizzjata bi zball ta’ fatt u/jew ta’ ligi, u hija ghalhekk nulla a tenur ta’ l-artikoli 975 u 976 Kap. 16; illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-kuntratt huwa invalidu a tenur ta’ l-artikolu 987 Kap. 16, ghaliex huwa afflitt b’kawza illecita u b’simulazzjoni; illi l-iskrittura *de quo* hija nulla wkoll in vista tal-fatt li mhix datata b’intenzjoni frawdolenti u bl-iskop manifest li tevadi d-disposizzjonijiet legislattivi in materja, u senjatament sabiex tohloq l-incertezza dwar jekk id-dokument issawwarx qabel jew wara negozji ohra bejn il-partijiet, dwar in-necessità tal-firma tal-konjugi, u dwar id-dekorriment tal-preskrizzjoni; talbu ghaliex dik il-Qorti m’ghandhiex: 1. tiddikkjara u tiddeciedi li d-dokument li gie esebit fil-kawza fl-ismijiet *Francis Fenech, George Cassar, John Agius u Raymond Agius personalment, u FCJR Co. Limited vs Mario Vella* ma jikkreax obbligazzjonijiet validi fil-ligi; u 2. thassar tannulla u tirrevoka kull obbligazzjoni u effett naxxenti minn dak id-

dokument;  bl-ispejjez u bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi inkluza dik ghad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi, guramentata minn Anthony Mario Vella, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti illi permezz taghha eccepew:
1) Illi preliminarjament it-talbiet ta’ l-atturi huma vessatorji ghaliex huma ntizi biss sabiex itawlu l-proceduri li hemm pendenti quddiem din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet inversi u fl-atti tac-citazzjoni numru 2577/97 GV;
2) Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess din il-kawza ghandha tinstema kontestwalment mal-kawza fl-atti tac-citazzjoni numru 2577/97 GV stante li l-partijiet huma l-istess, ix-xhieda huma l-istess u l-mertu huwa wkoll l-istess;
3) Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess it-talbiet ta’ l-atturi ghandhom jigu respinti u dana ghas-segwenti ragunijiet:
a. L-iskrittura li kopja taghha qed tigi esibita annessa Dok A saret fuq insistenza tal-attur Mario Vella sabiex huwa jkun jista’ jiehu l-*overdraft facility* mill-Bank of Valletta Limited;
b. L-iskrittura giet miktuba minn Dr. Henri Mizzi personalment quddiem l-istess Anthony Mario Vella u l-konvenuti u xhieda ohra fosthom l-*accountant* Taddeo Scerri;
c. L-iskrittura tant ma gietx vizjata bl-ebda qerq jew frodi tant li kienu l-atturi stess li ffirmaw *share transfer* tas-socjetà attrici bhala garanzija tal-ammont ta’ Lm87,000 dovut mill-atturi lill-konvenuti;
d. Mix-xhieda già prodotti fil-kawza cit numru 2577/97 GV kemm Dr. Henri Mizzi kif ukoll l-*accountant* Taddeo Scerro (*sic*) digà xehdu bil-gurament li l-firma fuq l-iskrittura saret mill-attur Anthony Mario Vella fil-presenza taghhom meta dan kien assistit mill-avukat tieghu Dr John Attard Montalto;
e. Illi jekk l-iskrittura ma gietx data(ta) dan certament kien bi zvista tal-avukat ta’ Dr. Henri Mizzi (*sic*) u li dan ma jirrendix din l-iskrittura nulla;

4) Illi din il-kawza hija intiza biss biex l-atturi jkomplu jtawlu l-proceduri sabiex il-konvenuti ma jithalsux dak li hu dovut lilhom skond il-ligi;
5) Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti, guramentata minn Francis Fenech, u l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti relativi;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-tletin (30) ta' Marzu, 2001 illi permezz taghha l-Qorti cahdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez kontra taghhom, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"B'verbal a fol. 15 u 18 il-partijiet qablu li l-provi li saru fil-kawza 2577/97/GV fl-istess ismijiet ghandhom jghoddu wkoll ghal din il-kawza u ghar-rikors numru 306/98.
"Illi mis-sentenza deciza llum stess fil-kawza Citaz. Nru. 2577/97GV jirrizulta li d-dokument li gie esibit f'dik il-kawza huwa validu u jikkrea obbligazzjonijiet validi fil-ligi."

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha thassar tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata billi tilqa' t-talbiet ta' l-atturi appellanti u tichad l-eccezzjonijiet ta-konvenuti appellati, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati illi permezz taghha talbu illi l-appell jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat sitta (6) tar-rikors ta' appell jinghad hekk:
"Illi l-esponenti hassew ruhhom aggravati u ghalhekk dan huwa appell mis-sentenza tat-30 ta' Marzu 2001 ta' l-

Onorabbli Prim’ Awla u l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu filli:
1. nullità ta’ l-iskrittura kemm mill-aspett formali kif ukoll mill-aspett materjali ghax ivvizzjata b’qerq u frodi, bi zball ta’ fatt jew ta’ ligi kif ukoll hija nulla in vista tal-fatt li mhix datata b’intenzjoni frawdolenti u bl-iskop manifest li tevadi d-disposizzjonijiet legislattivi in materja, u senjatament sabiex tohloq incertezza dwar jekk id-dokument ssawwarx qabel jew wara xi negozji ohra bejn il-partijiet, dwar in-necessità tal-firma tal-konjugi, u dwar id-dekorriment tal-preskrizzjoni.”

Dina l-Qorti qrat ghal aktar minn darba s-silta appena citata mir-rikors ta’ appell, u, wara illi ezaminat - u rriflettiet dwar - il-kontenut taghha, ma tistax hlief tasal ghall-konkluzjoni illi dak illi jinghad f’din is-silta ma jammontax ghal aggravju kontra din is-sentenza appellata, cioe` s-sentenza fil-kawza Citaz. 2386/99, izda, se mai aggravju kontra s-sentenza fil-kawza Citaz. 2577/97. Tajjeb illi jigi rilevat, f’dan ir-rigward, illi l-kontenut ta’ l-imsemmija silta ma huwa xejn hlief ripetizzjoni fis-sostanza ta’ dak illi jinghad fil-premessi sitta (6), sebgha (7) u disgha (9) ta’ l-att ta’ citazzjoni ta’ l-atturi appellanti;

Dina l-Qorti ezaminat ukoll il-kontenut tal-paragrafi enumerati minn sebgha (7) sa wiehed u ghoxrin (21) tar-rikors ta’ appell u fihom ma sabet ebda riferenza ghas-sentenza appellata u, konsegwentement, wisq anqas ma sabet fihom xi aggravju kontra dak illi jinghad u gie deciz fl-istess sentenza. Inoltre, huwa tajjeb illi jigi rilevat illi dak illi jinghad f’dawn il-paragrafi tar-rikors huwa *presso a poco* dak illi gabu l-atturi ghall-konsiderazzjoni ta’ l-ewwel Qorti fin-nota ta’ osservazzjonijiet taghhom ipprezentata fit-tletin (30) ta’ Gunju, 2000 (fol. 19 sa 27). Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi minn qari tas-sentenza appellata jirrizulta illi l-ewwel Qorti hadet konjizjoni tajba - u kkunsidrat - tal-kontenut ta’ l-imsemmija nota ta’ osservazzjonijiet qabel ma waslet ghall-konkluzjoni taghha;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, dak illi jinghad fil-paragrafu enumerat tnejn u ghoxrin (22) tar-rikors ta’ appell ma jista’ jkollu ebda effett fuq il-validità tas-sentenza appellata. Infatti, filwaqt illi l-iskop tat-talbiet attrici huwa illi jigi dikjarat invalidu d-dokument illi hemm riferenza ghalih fl-att ta’ citazzjoni odjern, fl-imsemmi paragrafu 22 tar-rikors ta’ appell l-atturi appellanti jissottomettu - u jaghtu r-ragunijiet ghaliex huma jsostnu - illi l-azzjoni dwar l-obbligazzjoni allegatament krejata permezz ta’ l-imsemmi dokument hija preskritta. Kieku, ghall-grazzja ta’ l-argument, kellu jigi konsidrat illi din l-azzjoni hija preskritta, ma jsegwix illi l-imsemmi dokument huwa invalidu;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat tlieta u ghoxrin (23) tar-rikors ta’ appell l-atturi appellanti “… juri d-disappunt u l-lanjanza tieghu [*sic*] illi [l-ewwel] Qorti totalment injorat jew ma tat ebda piz lix-xhieda tieghu permezz ta’ *Affidavit* mahluf fid-9 ta’ Dicembru 1999”. Fl-istess paragrafu l-appellanti jilmentaw ukoll illi l-ewwel Qorti injorat ukoll xi provi ohra processwali. Tajjeb illi jigi precizat, f’dan l-istadju illi l-apprezzament tal-provi mill-ewwel Qorti ma sarx fis-sentenza appellata izda fis-sentenza - ukoll appellata - fil-kawza fl-ismijiet *Francis Fenech et vs. Traveller’s Lodge Co. Ltd* (Citaz. Nru. 2577/97)[1]. Jidher illi l-ewwel Qorti ghamlet dan peress illi l-gbir tal-provi sar kwazi ghal kollox waqt it-trattazzjoni ta’ l-ahhar imsemmija kawza. Tajjeb illi jinghad ukoll illi l-kontendenti qablu illi dawn il-provi “… jghoddu ghal din il-kawza” (jigifieri l-kawza odjerna) (fol. 15). Dan precizat, dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti fil-kawza Citaz. 2577/97 u s-sentenza
appellata f’dik il-kawza, hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti f’dik is-sentenza ghamlet apprezzament tal-provi kollha rilevanti. F’dan ir-rigward, huwa utili illi jigi rilevat illi mill-ewwel paragrafu wara l-intestatura **Simulazzjoni** f’pagina hdax (11) tas-sentenza fil-kawza fl-ismijiet *Francis Fenech et vs. Traveller’s Lodge Co. Ltd*. (Citaz. 2577/97), jirrizulta

[1] Li qed tigi deciza minn din il-Qorti wkoll illum.

bl-aktar mod lampanti illi l-ewwel Qorti hadet in konsiderazzjoni u vvalutat il-kontenut ta' l-*affidavit* hawn fuq imsemmi;

Ikkunsidrat:

Illi, fid-dawl ta' dak illi inghad sa issa, dina l-Qorti ma ssib ebda raguni ghala ghandha ma tikkonfermax is-sentenza appellata;

Illi, inoltre, fil-fehma ta' dina l-Qorti, l-appell in ezami huwa wiehed frivolu u vessatorju u, konsegwentement, hija sejra tapplika l-provvediment ta' l-artikolu 223(4) tal-Kap. 12;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-atturi appellanti b'dan illi, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 233(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-atturi appellanti illi jhallsu lill-konvenuti appellati l-ispejjez ghal darbtejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------